



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Mejju 2023
(OR. en)

9311/23

EDUC 162
JEUN 87
SOC 316
EMPL 206

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni: Inħarsu lejn l-2025 u lil hinn -
Riżoluzzjoni tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq, approvata mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) fil-laqgħa tiegħu fis-16 ta' Mejju 2023.

Iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni: Inħarsu lejn l-2025 u lil hinn

Risoluzzjoni tal-Kunsill

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

1. IFAKKAR fil-kuntest politiku rigward iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni kif mogħti fl-Anness għal din ir-risoluzzjoni.
2. JIRRIAFFERMA li ż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni tista' biss ssir realtà sal-2025 bl-impenn politiku b'saħħtu tal-Istati Membri u JENFASIZZA l-ħtieġa li jitkomplew l-isforzi kemm mill-Istati Membri kif ukoll mill-Kummissjoni, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom, u bl-involviment kif xieraq tal-partijiet ikkonċernati rilevanti fil-livell nazzjonali u Ewropew, biex jittieħdu l-passi meħtieġa għall-kisba taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni.
3. JIEĦU NOTA tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-progress lejn il-kisba taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni¹.
4. JISSOTTOLINJA li l-edukazzjoni u t-taħriġ, fil-kuntesti kollha, fil-livelli kollha u fil-forom kollha, huma kruċjali għall-Unjoni Ewropea u għall-Istati Membri tagħha biex fihom jiġu żgurati l-koeżjoni soċjali, il-kompetittività u t-tkabbir sostenibbli, u biex iħejjuhom għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u jappoġġawhom matul dawn it-tranżizzjonijiet. Speċjalment fi żmien meta huwa essenzjali għaċ-ċittadini li jsibu sodisfazzjon u benesseri personali kif ukoll li jadattaw għall-isfidi ta' dinja li qed tinbidel u li jkomplu jinvolve ruħhom f'ċittadinanza attiva u responsabbli, JENFASIZZA l-importanza ta' edukazzjoni, taħriġ u taġlim tul il-ħajja ta' kwalità għolja, inklużivi u ekwi għal kulħadd – kemm għat-tfal kif ukoll għall-adulti.

¹ COM(2022) 700 final.

5. JENFASIZZA li ż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni għandha tkun mirfuda minn approċċ ta' tagħlim tul il-ħajja li jinkludi sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ b'mod inklużiv u olistiku, u jkopri t-tagħlim, it-taħriġ u l-apprendiment fil-kuntesti kollha, fil-livelli kollha u fil-forom kollha, kemm jekk formali, mhux formali jew informali, mill-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal sal-edukazzjoni skolastika u l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali kif ukoll l-edukazzjoni għolja u t-tagħlim għall-adulti.
6. ITENNI li l-kooperazzjoni transsettorjali għandha tissaħħaħ bejn l-inizjattivi rilevanti tal-UE fl-edukazzjoni u t-taħriġ u dawk f'oqsma u setturi tal-politika relatati — b'mod partikolari s-setturi tal-impjiegi, tal-politika soċjali, tar-riċerka, tal-innovazzjoni, tal-ambjent, taż-żgħażaġħ u dawk kulturali u kreattivi b'rispett sħiħ tal-bażi legali għall-oqsma tal-politika rispettivi kif stipulati fit-Trattati. JISSOTTOLINJA l-hteġa ta' koordinazzjoni u koerenza tal-inizjattivi kollha tal-UE fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw il-ħiliet u l-kompetenzi.
7. JINNOTA li l-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ hija kruċjali għall-koeżjoni soċjali u xenarju ekonomiku li jiffunzjona tajjeb fl-Unjoni Ewropea biex jiġu żgurati l-kompetittività fit-tul tal-Unjoni u s-suċċess tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi soċjali, reġjonali u ekonomiċi. JIRRIKONOXXI għalhekk il-kontribut importanti tal-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż fil-qafas strateġiku, għall-partijiet rilevanti tas-Semestru Ewropew.

8. JENFASIZZA l-importanza tal-promozzjoni ta' sinerġiji bejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, iż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja u ż-Żona Ewropea tar-Riċerka, filwaqt li tiġi evitata d-duplikazzjoni tar-riżorsi, l-istrutturi u l-istrumenti, kif ukoll bl-użu tal-potenzjal sħiħ tal-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej fil-missjonijiet kollha tagħhom, inkluż l-appoġġ għas-sostenibbiltà tagħhom u t-tkomplija tat-tisħiħ tad-dimensjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni tagħhom, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' April 2022 dwar il-bini ta' pontijiet għal kooperazzjoni Ewropea effettiva fl-edukazzjoni għolja².
9. JIRRIKONOXXI li l-valuri fundamentali u demokratiċi tal-Ewropa qed jiġu kkontestati u li l-aggressjoni mhux provokata tar-Russja kontra l-Ukrajna biddlet ix-xenarju ġeopolitiku. JAQBEL li l-isforzi konġunti u l-kooperazzjoni tranżnazzjonali fl-edukazzjoni u t-taħriġ mhux biss jiffaċilitaw u jsaħħu t-tweġibiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri għall-ħtiġijiet li nqalgħu bħala konsegwenza tal-aggressjoni iżda jgħinu wkoll biex jissaħħu l-valuri u l-prinċipji edukattivi ewlenin tagħna, bħall-inklużjoni, l-ekwità, il-libertà akkademika u l-awtonomija istituzzjonali, kif ukoll il-valuri komuni tagħna u l-għaqda tagħna fl-Unjoni.
10. JENFASIZZA li l-identifikazzjoni u t-tneħħija tal-ostakli li fadal għall-mobbiltà fl-apprendiment u t-tagħlim huma kruċjali għall-kisba sħiħa ta' Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u għall-ħolqien ta' Ewropa reżiljenti, sikura, sostenibbli u għanja. Il-kooperazzjoni tranżnazzjonali ssaħħaħ l-inklużività, l-ekwità, l-eċċellenza, id-diversità, l-attrazzjoni u l-kompetittività globali tal-edukazzjoni u t-taħriġ Ewropej. JAQBEL, għalhekk, li għandhom isiru sforzi biex ir-rikonoxximent reċiproku awtomatiku fl-edukazzjoni u t-taħriġ isir realtà. JAQBEL ukoll li għandhom jiġu promossi possibbiltajiet għall-istudenti u l-għalliema biex ikunu mobbli u għall-istituzzjonijiet fl-Ewropa u lil hinn minnha biex jikkooperaw bejniethom.

² ĠU C 160, 13.4.2022, p. 1.

11. JIRRIKONOXXI li sar progress mill-2017 'l hawn lejn l-istabbiliment taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u li ġew implimentati firxa wiesgħa ta' miżuri biex jintlaħqu l-prijoritajiet strateġiċi stabbiliti fil-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (2021-2030) madwar l-UE. Permezz ta' diversi inizjattivi, kooperazzjoni u kokreazzjoni, qed tissawwar gradwalment iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni.
12. JAQBEL li l-iffukar fuq l-implimentazzjoni kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew, fil-kuntest tal-qafas strateġiku, skont il-kompetenzi rispettivi f'kull livell, u monitoraġġ robust fl-istrutturi eżistenti, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-piżijiet amministrattivi, ser ikunu kruċjali għall-bqija tal-perjodu tal-ewwel ċiklu sal-2025.
13. JISSOTTOLINJA li l-ħames prioritajiet strateġiċi, kif jinsabu fil-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (2021-2030), jikkostitwixxu l-bażi għall-ħidma fl-edukazzjoni u t-taħriġ u biex tkompli l-kooperazzjoni Ewropea, inkluż lejn il-kisba taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni. JAQBEL li l-proċess ta' rieżami ta' nofs it-terminu li għaddej bħalissa u r-rapport sħiħ dwar iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni li għandu jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni Ewropea fl-2025 għandhom jiffukaw fuq daww il-ħames prioritajiet strateġiċi, inkluż analiżi aktar fil-fond tal-oqsma speċifiċi elenkati hawn taħt.

14. JIRRIKONOXXI li s-segwitu għall-miri fil-livell tal-UE juri xejriet pożittivi fir-rigward ta' diversi indikaturi li ilhom stabbiliti bħal żieda fil-parteciċipazzjoni fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, tnaqqis fit-tluq bikri mill-iskola u sehem ogħla ta' zghażaġh b'livell terzjarju miksub. Madankollu, huwa evidenti wkoll li għad fadal ħafna sfidi, speċjalment l-effetti tal-istatus soċjoekonomiku fuq il-kisba edukattiva u l-benesseri tal-istudenti. JAQBEL, għalhekk, li għandha tingħata attenzjoni partikolari lil dan li ġej biex tinkiseb Żona Ewropea tal-Edukazzjoni sal-2025:

- It-titjib tal-ekwità, l-inklużjoni kif ukoll is-suċċess għal kulħadd fl-edukazzjoni u t-taħriġ u l-kisba ta' kompetenzi ewlenin, inkluż ħiliet bażiċi, biex jippermettu l-iżvilupp personali, soċjali, ċiviku u professjonali sħiħ taċ-ċittadini Ewropej kollha;
- It-tisħiħ tal-professjoni tal-ġhalliema u l-indirizzar tan-nuqqas ta' ġhalliema; il-promozzjoni tal-iżvilupp professjonali, l-opportunitajiet ta' mobbiltà, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-benesseri tal-ġhalliema bħala fatturi ewlenin biex l-professjoni ssir aktar attraenti;
- It-tneħħija tal-ostakli li fadal għall-mobbiltà filwaqt li titħeġġeġ mobbiltà inklużiva, sostenibbli u bbilanċjata fl-UE, inkluż billi jinkiseb rikonoxximent reċiproku awtomatiku fl-edukazzjoni u t-taħriġ³;
- It-trawwim tat-tagħlim tul il-ħajja, inkluż it-tagħlim għall-adulti, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, b'enfasi partikolari fuq il-ħiliet u l-kompetenzi għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali.

³ F'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2018 dwar il-promozzjoni tar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku ta' kwalifiki tal-edukazzjoni għolja u tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli u l-eżiti tal-perjodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż, ĠU C 444, 10.12.2018, p. 1.

15. SER JIRRIFLETTI fuq il-qafas strateġiku u jikkunsidra r-reviżjoni tal-oqsma ta' prijorità u jagħmel kwalunkwe aġġustament ieħor meħtieġ għat-tieni ċiklu li jwassal sal-2030.
16. JISSOTTOLINJA li l-użu b'suċċess tal-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni, ibbażat fuq it-tagħlim reċiproku, il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki kif ukoll l-użu u – fejn xieraq – it-titjib ta' għodod ta' referenza komuni bħal DigComp u GreenComp, huwa essenzjali għall-kisba taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni.
17. JIRRIKONOXXI li l-Laboratorju ta' Tagħlim dwar l-Investment fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ ta' kwalità għandu l-potenzjal li jkun strument siewi għall-Istati Membri, biex jintuża fuq bażi volontarja, biex jintlaħqu l-prijoritajiet strateġiċi billi jingħataw riċerka u eżempji tal-aħjar prattika rigward strumenti u interventi politiċi effettivi filwaqt li jitrawwem it-tfassil ta' politika infurmat mill-evidenza.
18. JIRRIKONOXXI li l-governanza riformata u l-kooperazzjoni msaħħa fil-livell tal-UE jistgħu jgħinu lill-Istati Membri jindirizzaw l-isfidi emerġenti u jaħdmu flimkien aktar mill-qrib lejn il-kisba taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni. JIRRIKONOXXI wkoll il-progress li sar fit-tisħiħ tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ bid-definizzjoni mill-ġdid tar-rwol tiegħu u l-introduzzjoni tal-Bord ta' Koordinazzjoni. JIRRIKONOXXI li l-istruttura l-ġdida ta' governanza wriet li kienet effiċjenti u utli matul kriżijiet bħall-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.
19. JAQBEL, madankollu, li huma meħtieġa aktar sforzi biex ikun hemm tixrid aħjar tas-sejbiet kif ukoll kondiviżjoni ta' informazzjoni u għarfien bejn il-gruppi ta' ħidma tal-qafas strateġiku, il-formazzjonijiet tad-Diretturi Ġenerali u l-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ sabiex jiġu żgurati sinerġiji bejn il-livell tekniku u dak politiku u jinkiseb l-akbar benefiċċju mill-kooperazzjoni Ewropea.

20. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa ta' djalogu msaħħaħ u bi skop bejn il-Kumitat tal-Edukazzjoni u l-Kumitat tal-Impjiegi u, jekk xieraq u rilevanti, ma' partijiet oħra involuti fil-proċess tas-Semestru Ewropew.
21. JISTIEDEN lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jżidu l-isforzi tagħhom biex joħolqu b'mod konġunt iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, f'kooperazzjoni ma' partijiet ikkonċernati oħra fil-livell nazzjonali u dak Ewropew fejn rilevanti, inkluż il-fornituri u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ, ir-riċerkaturi, is-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili. JAQBEL li, f'dan ir-rigward, il-Grupp ta' Livell Għoli għandu jiddiskuti aktar il-progress li sar, l-isfidi li fadal u l-iżviluppi futuri kif ukoll jeżamina r-rapport finali dwar iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni fl-2025. JAPPELLA wkoll lill-Bord ta' Koordinazzjoni tal-Grupp ta' Livell Għoli biex jikkoordina t-tnejn ta' aġenda politika fl-edukazzjoni u t-taħriġ għal perjodu ta' 18-il xahar għall-approvazzjoni mill-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ, li għandha tiġi kkomunikata lill-Kunsill.
22. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tikkunsidra tħejji proposta dwar Sena Ewropea tal-Għalliema, u tressaqha f'temp ta' żmien xieraq.
23. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tkompli tibni fuq il-gwida tal-Kunsill u l-konklużjonijiet u r-risoluzzjonijiet preċedenti tal-Kunsill dwar iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni bħala l-pedament għall-ħidma tagħha meta tiffaċilita l-proċess ta' rieżami ta' nofs it-terminu fl-2023 u tabbozza r-rapport sħiħ dwar iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni sal-2025, inkluż il-ħidma preparatorja li tista' twassal għal reviżjoni possibbli tal-miri fil-livell tal-UE mill-Kunsill għat-tieni ċiklu li jwassal sal-2030.

24. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex taħdem, bl-opinjoni esperta tal-Grupp Permanenti dwar l-Indikaturi u l-Punti ta' Riferiment, fuq proposti għal indikaturi possibbli jew miri fil-livell tal-UE fl-oqsma tal-inklużjoni u l-ekwità, tal-professjoni tal-għalliema kif ukoll tal-apprendiment għas-sostenibbiltà, u biex tirrapporta lura lill-Kunsill.
25. JISTENNA li l-Kummissjoni tagħmel aktar sforzi f'konformità mal-prijoritajiet strateġiċi maqbula mill-Kunsill u li jkopru l-edukazzjoni u t-taħriġ fil-kuntesti kollha, fil-livelli kollha u fil-forom kollha, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kunsill.

Kuntest Politiku

Kunsill tal-Unjoni Ewropea

1. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-mixja lejn viżjoni għal Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, ĠU C 195, 7.6.2018, p. 7.
2. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2018 dwar il-promozzjoni tar-rikonnoxximent reċiproku awtomatiku ta' kwalifiki tal-edukazzjoni għolja u tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli u l-eżiti tal-perjodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż, ĠU C 444, 10.12.2018, p. 1.
3. Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-iżvilupp ulterjuri taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni biex jiġu appoġġati sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ orjentati lejn il-futur, ĠU C 389, 18.11.2019, p. 1.
4. Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ fis-Semestru Ewropew: niżguraw dibattiti infurmati dwar ir-riformi u l-investimenti, ĠU C 64, 27.2.2020, p. 1.
5. Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021-2030), ĠU C 66, 26.2.2021, p. 1.
6. Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-istruttura ta' governanza tal-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021-2030), ĠU C 497, 10.12.2021, p. 1.
7. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' April 2022 dwar il-bini ta' konnessjonijiet għal kooperazzjoni effettiva Ewropea fl-edukazzjoni għolja, ĠU C 160, 13.4.2022, p. 1.

Kummissjoni Ewropea

8. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Komitat tar-Reġjuni dwar il-kisba sal-2025 taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni (COM(2020) 625 final).
 9. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Komitat tar-Reġjuni dwar il-progress lejn il-kisba taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni (COM(2022) 700 final).
-